**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 21 ta' Novembru, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 1114/2023 AF**

**Avukat Dottor Veronique Dalli LL.D**

**vs**

**Dominic Micallef,**

**Mdina Property Limited (C87890),**

**SEG Holding Limited (C85884), u**

**Signature Entertainment Festivals Limited (C84988)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tal-Avukat Dottor Veronique Dalli li permezz tiegħu, wara li ġie premess:

1. Illi permezz ta' skrittura privata datata disa' u għoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'A', il-konvenuti kkostitwixxew ruħhom solidament bejniethom debituri tar-rikorrenti, għas-somma ta' wieħed u ħamsin elf sitt mija ħamsa u għoxrin Ewro u ħames ċenteżmi (€51,625.05) liema somma tirrapreżenta drittijiet professjonali u VAT fuq l-istess drittijiet għall-servizzi legali reżi mir-rikorrenti;

2. Illi l-konvenuti obbligaw ruħhom li solidament bejniethom jħallsu l-ammont dovut permezz ta' tliet pagamenti: a. L-ewwel pagament isir sa mhux aktar tard mid-9 ta' Diċembru 2022 fl-ammont ta' €3,441.67; b. It-tieni pagament isir sa mhux aktar tard mid-9 ta' Jannar 2023 fl-ammont ta' €6,883.34 u c. It-tielet pagament ta' €41,300.04 isir sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2023;

3. Illi sal-lum, il-konvenuti ħallsu biss is-somma ta' għaxart elef, tliet mija, ħamsa u għoxrin u ċenteżmu tal-ewro (€10,325.01) rappreżentanti l-ewwel u t-tieni pagamenti, iżda sal-lum il-ġurnata għadhom ma ħallsux it-tielet pagament minkejja diversi interpellazzjonijiet.

4. Illi għalhekk il-konvenuti tilfu l-benefiċċju tat-terminu u l-ammont totali ta' wieħed u erbgħin elf u tliet mitt ewro u erba' ċenteżmi tal-ewro (€41,300.04), inkluż l-imgħax dekoribbli mit-tletin ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin sad-data tal-effettiv pagament huwa dovut.

5. Illi dana d-debitu huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti, il-konvenuti ma għandhom ebda eċċezzjoni x'jissollevaw kontra l-pagament tal-istess.

6. Illi l-esponenti taf personalment b'dawn il-fatti kollha kif esposti.

7. Illi għaldaqstant, għal dawn il-proċeduri huma applikabbli d-disposizzjonijiet għad-dispenza mis-smiegħ tal-kawża *ai termini* tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodiċi ta' Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

8. Illi għar-raġunijiet premessi kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri;

Għaldaqstant l-istess rikorrenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha għar-raġunijiet premessi:

1. Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna, għar-raġunijiet premessi, lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom iħallsu lill-attriċi s-somma ta' wieħed u erbgħin elf u tlett mitt Ewro u erba' ċenteżmi tal-ewro (€41,300.04) bl-imgħax tat-tmienja fil-mija 8% dekoribbli mit-tletin ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat li Dominic Micallef għalkemm debitament notifikat, baqa' ma deherx biex jikkontesta l-kawża. Lanqas ma deher ħadd biex jirrappreżenta s-soċjetajiet intimati.

Semgħet lil Dr Veronique Dalli tixhed viva voce.

Tqis it-talbiet ta' Dr Veronique Dalli mistħoqqa.

U għaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-ewwel talba kif dedotta.

Tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom iħallsu lill-Avukat Dr Veronique Dalli s-somma ta’ wieħed u erbgħin elf, tliet mija u erba’ ċenteżmi (€41,300.04) bl-imgħax kif mitlub fir-rikors promotur.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-intimati in solidum bejniethom.

IMĦALLEF

DEP/REG